# TIFKIRIET

## *Ta'* Wallace Gulia

Tifkiriet ta' qlub maħqura
Ġewwa d-dalma ta' bil-lejl;
Tifkiriet t'għajnejn miksura,
Dmugħ l-imħabba kollu għalxejn.
Itilquni,
Winsuni,
Ġewwa d-dalma ta' bil-lejl.

Tifkiriet ta' qirda ġejja
Minn ġo l-iżraq tas-smewwiet.
U nirien, nirien f'għajnejja,
U taqtigħ fil-ħemda u skiet—
Tfakkrunix,
Tħallunix
Nerġa' nġarrab diq l-imwiet!

Ejja Inti tul l-iljieli
B'dawk għajnejk il-maħbubin:
Qisek warda minn tax-xtieli
B'dawl ix-xmejxa imbewsin:
Fis-sigħat
Tal-kruhat
Meta jaħkmu ta' l-imgħoddi l-jiem u s-snin!